MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1468/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Mifsud u l-istess Joseph Mifsud**

**vs**

**Omar Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u tlettax-il lira Maltija u erbghin centezmu (Lm113.40), u dana in kwantu ghas-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm88.40) lis-socjeta` attrici assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur Joseph Mifsud, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EAG-392 fit-2**

**t'Awissu, 2000 gewwa il-Gzira habat mal-vettura numru SIL-059 propjeta` ta' l-attur Joseph Mifsud u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 30 t'Awissu, 2001, kontra l-konvenut, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` assikurattrici fis-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm88.40), u t-talba ta' l-attur in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) bl-imghax legali fuq is-somom imsemmija mill-24 t'Ottubru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 30 t'Awissu, 2001, kontra l-konvenut, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**